_______________
Prim Ministru

_______________
Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima
u l-Ippjanar

_______________
Chairperson,
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L. -- tal-2020

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.
L.S. 549.59.
1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.
2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;
(b) il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (2);

(ċ) fis-subregolament (2) kif enumerat mill-ġdid, il-kliem ", flimkien mar-regolamenti prinċipali, jittrasponu ukoll" għandhom jiġu mibdula għal "jittrasponu".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali id-definizzjoni ta' "impjant tal-kombustjoni" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala regolament 26;

(ċ) fir-regolament 26 kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "wkoll" għandha tiġi mħassra.

Iħassar ir-regolamenti 27 u 28 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Ir-regolamenti 27 u 28 tar-regolamenti prinċipali huma b'dan imħassra.

Jemenda r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "sal-31 ta' Novembru" għandhom jiġu mibdula għal "sat-30 ta' Settembru".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Fit-test Ingliż biss, fil-paragrafu (f) tas-subregolament (3) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "area.." għandhom jiġu mibdula għal "area.".

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Fir-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L.S. 549.124.

(b) ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi; u"

Jemenda r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

**9.** Fit-test Ingliż biss, fil-paragrafu (d) tas-subregolament (1) il-kelma "Europe1" għandha tiġi mibdula bil-kelma "Europe".

Jemenda r-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Fit-test Ingliż biss, fit-tieni proviso tal-paragrafu (b), il-kliem "th environment" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "the environment".